MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Numru. 8/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Ivor Sammut**

Numru 8/2014

Illum 21 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ivor Sammut**, ta' sebgha u tletin (37) sena, iben George u Maria Fatima neé

Sciberras, imwieled Pietà, Malta, fis-7 ta' Awwissu 1976, u residenti 'True Love', Flat 1, Triq Wied ir-Rihan, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 442876(M), li gie akkuzat talli waqt li kien qieghed fi Triq iz-Zirzieb, Xlendi limiti ta' Munxar, Ghawdex, nhar 8 ta' Lulju 2013 f'xi hin bejn l-4.00a.m. u l-4.20a.m:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioé li volontarjament ihassar jew jgharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CAB 754, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u li kieku gie esegwit l-ammont tal-hsara kagunata kienet tkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) u dan ghad-dannu ta' Saviour Xiberras;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, billi kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Ghawdex li saret definitiva u ghaldaqstant ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba illi, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josephine Camilleri u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kienetx qed tinsisti ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-ewwel (1) imputazjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-fedina penali tieghu (Dok. "B").

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikoli 41(1)(a) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta issib lill-imputat Ivor Sammut hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b′applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta′ liberta′ kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti ma tarax raguni valida ghandha tipprovdi ghas-sigurta′ ta′ l-ebda persuna sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku u ghaldaqstant tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f′dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------